Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2026(INI)

08.05.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-rapporti tal-Kummissjoni tal-2023 u l-2024 dwar l-Ukrajna
(2025/2026(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Michael Gahler

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 7

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-rapporti tal-Kummissjoni tal-2023 u l-2024 dwar l-Ukrajna
(2025/2026(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna,

– wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Ukraine 2024 Report" (Rapport 2024 dwar l-Ukraina) (SWD(2024)0699) li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Komunikazzjoni tal-2024 dwar il-Politika ta' Tkabbir tal-UE" (COM(2024)0690),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2025),

A. billi l-Parlament ikkundanna bl-aktar mod qawwi l-aggressjoni Russa fil-konfront tal-Ukrajna u jsostni d-dritt tal-Ukrajna għas-sovranità, għall-indipendenza u għall-integrità territorjali fi ħdan il-konfini tagħha rikonoxxuti f'livell internazzjonali;

B. billi l-Ukrajna wriet reżiljenza u impenn notevoli fil-perkors Ewropew tagħha minkejja l-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja;

C. billi r-riformi leġiżlattivi li bdiet l-Ukrajna jirriflettu d-dedikazzjoni tagħha għall-allinjament mal-*acquis* tal-UE;

D. billi għad hemm sfidi f'oqsma bħall-indipendenza tal-ġudikatura u l-korruzzjoni sistemika, li jridu jiġu indirizzati permezz ta' responsabbiltà akbar mill-gvern u sorveljanza internazzjonali akbar;

E. billi l-Ukrajna għamlet progress fil-kooperazzjoni reġjonali u fir-riformi soċjoekonomiċi biex tallinja l-politiki tagħha mal-istandards tal-UE;

F. billi l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Ukrajna wrew il-kapaċità ta' jadattaw ruħhom mal-liġi marzjali, iżda għad hemm tħassib fir-rigward tat-trasparenza u tal-bilanċ tal-poteri matul dan il-perjodu;

G. billi sar progress fir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, iżda għadhom meħtieġa aktar tisħiħ tal-kapaċitajiet u titjib fil-ġestjoni tar-riżorsi umani;

H. billi l-ġudikatura reġgħet ħadet f'idejha l-funzjonijiet kruċjali, fosthom il-valutazzjoni tal-imħallfin u l-implimentazzjoni tal-miżuri kontra l-korruzzjoni, għad li l-istandards fil-qasam tal-integrità u tat-trasparenza jridu jissaħħu;

I. billi l-Ukrajna wriet l-impenn favur l-aġenda ekoloġika permezz tal-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija rinnovabbli u l-allinjament mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

J. billi s-soċjetà ċivili tibqa' pilastru tar-reżiljenza u tad-demokrazija fl-Ukrajna, għad li l-każijiet ta' pressjoni kontra l-attivisti jqajmu tħassib u jeħtieġu l-intervent tal-gvern;

K. billi l-libertà ta' espressjoni u l-indipendenza tal-media jħabbtu wiċċhom ma' sfidi, b'mod partikolari fl-ambitu tal-liġi marzjali; billi jeħtieġ li jsiru riformi biex jerġa' jinġieb il-pluraliżmu u jiġu protetti l-ġurnalisti;

L. billi l-proċess ta' integrazzjoni tal-Ukrajna fl-UE huwa appoġġjat b'mod wiesa' mill-kunsens pubbliku u istituzzjonali, u dan jirrifletti impenn qawwi tas-soċjetà favur l-adeżjoni mal-UE minkejja d-diffikultajiet attwali;

M. billi l-adeżjoni mal-UE tibqa' fattur fundamentali biex jiġi promoss l-iżvilupp demokratiku tal-Ukrajna u se tirrappreżenta fattur kruċjali biex jiġu żgurati s-sigurtà, l-istabbiltà u l-indipendenza futuri tal-pajjiż;

Is-sitwazzjoni attwali tal-gwerra ta' aggressjoni Russa u tas-sanzjonijiet

1. Itenni s-solidarjetà soda tiegħu mal-poplu tal-Ukrajna u l-appoġġ tiegħu għall-indipendenza, għas-sovranità u għall-integrità territorjali tal-Ukrajna, fi ħdan il-konfini tagħha rikonoxxuti fuq livell internazzjonali; jissottolinja bil-qawwa d-dritt intrinsiku tal-Ukrajna għall-awtodifiża f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

2. Jisħaq fuq il-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtiġilhom iżidu konsiderevolment l-assistenza li jagħtu biex jiġi rispettat id-dritt tal-Ukrajna għall-awtodifiża; jinsisti fuq il-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien mas-sħab u mal-alleati, jeħtiġilhom jikkontribwixxu għal garanziji sodi ta' sigurtà għall-Ukrajna biex jiskoraġġixxu aktar aggressjonijiet Russi;

Impenn favur l-adeżjoni mal-UE

3. Jilqa' b'qawwa kbira d-dedikazzjoni soda tal-Ukrajna biex tissodisfa r-rekwiżiti għall-adeżjoni mal-UE, inkluż ir-rispett tal-*acquis* tal-UE;

4. Jieħu nota tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti u l-Ukrajna dwar il-minerali kritiċi; jilqa' l-fatt li dan jinkludi formulazzjoni espliċita biex jiġi ssalvagwardjat il-proċess ta' adeżjoni tal-Ukrajna mal-UE u l-obbligi relatati, kif ukoll biex tkun żgurata l-kompatibbiltà mal-obbligi tal-Ukrajna fil-konfront tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew ta' kredituri uffiċjali oħra; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni rigoruża ta' dawn is-salvagwardji;

Demokrazija, stat tad-dritt u ġlieda kontra l-korruzzjoni

5. Jirrikonoxxi l-isforzi straordinarji li għamlet l-Ukrajna biex issaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi matul il-gwerra; jinkoraġġixxi fl-istess ħin lill-Ukrajna żżid it-trasparenza tal-proċessi leġiżlattivi u talloka aktar riżorsi għar-riforma tas-sistema ġudizzjarja;

6. Jistieden lill-Ukrajna tindirizza l-kwistjonijiet li jostakolaw l-iżvilupp tas-sistema ġudizzjarja; jisħaq fuq il-bżonn li jitjiebu l-indipendenza tal-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

7. Jilqa’ l-ħatra ta’ kap ġdid tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u ta’ awdituri indipendenti biex jivvalutaw l-effikaċja tal-Uffiċċju Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna fl-investigazzjonijiet tal-korruzzjoni; jilqa’ d-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Kriminali emendat u tal-Kodiċi ta’ Proċedura Kriminali; ifaħħar l-adozzjoni tal-pjan ta’ azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta’ rkupru tal-assi għall-perjodu 2024-2025 u tal-miżuri relatati;

8. Jinkoraġġixxi lill-Ukrajna tissalvagwardja l-indipendenza u l-effikaċja tal-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni, inkluż l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat fil-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni (SAPO), u b’hekk jiġu żgurati proċessi tal-ħatra trasparenti u tali organi jiġu protetti mill-influwenza politika; ifaħħar lill-Ukrajna talli żiedet il-persunal tas-SAPO;

9. Jirrikonoxxi l-konklużjonijiet tal-addendum mat-tieni Rapport ta’ Konformità, adottat mill-Grupp ta’ Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni fit-22 ta’ Novembru 2024, skont liema l-Ukrajna implimentat b’mod sodisfaċenti jew ittrattat b’mod sodisfaċenti 18-il rakkomandazzjoni mill-31 li jinsabu f’dak ir-rapport; jinkoraġġixxi lill-Ukrajna timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet li fadal;

Libertajiet fundamentali u drittijiet tal-bniedem

10. Ifaħħar l-impenn tal-Ukrajna biex tiddefendi d-drittijiet fundamentali minkejja l-gwerra ta’ aggressjoni Russa li għaddejja; jilqa’ l-adozzjoni ta’ dan l-aħħar tal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Minoranzi Nazzjonali sal-2027, li għandu l-għan li jarmonizza l-leġiżlazzjoni Ukrena mal-istandards Ewropej;

Kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet tajbin ta’ viċinat

11. Jilqa’ l-parteċipazzjoni attiva tal-Ukrajna fl-inizjattivi reġjonali, bħat-tmexxija tagħha fil-Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-Sħubija tal-Lvant u l-koordinament tal-proġetti kummerċjali transfruntieri mal-Polonja;

12. Jilqa’ u jinkoraġġixxi kwalunkwe tentattiv min-naħa tal-Ukrajna u tal-Istati Membri tal-UE li jindirizzaw l-aspetti mhux solvuti tar-relazzjonijiet storiċi bilaterali u reġjonali, pereżempju l-massakru tal-Volhynia, fl-ispirtu ta’ rikonċiljazzjoni vera u sinċiera u fir-rispett tal-valuri tal-UE tad-dinjità tal-bniedem, tal-verità storika u tar-relazzjonijiet tajbin ta’ viċinat; jemmen li bir-rieda tajba tal-partijiet ikkonċernati kollha, proċess ta’ rikonċiljazzjoni paċenzjuż ifejjaq il-ġrieħi tal-passat; jilqa’, f’dan il-kuntest, it-taħditiet li għaddejjin bejn l-awtoritajiet Pollakki u Ukreni, li wasslu għall-issuktar tat-tħaffir tal-oqbra ta’ ċittadini Pollakki fit-territorju Ukren f’April 2025; jittama li l-proċess jitkompla bil-għan ċar li lill-vittmi tingħatalhom difna dinjituża u li dawn jibqgħu jitfakkru;

Riformi soċjoekonomiċi

13. Jilqa’ l-implimentazzjoni min-naħa tal-Ukrajna tal-Pjan ta’ Azzjoni Prijoritarju għall-perjodu 2023-2024 u l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni neċessarja biex jiġi riformat l-Uffiċċju għas-Sigurtà Ekonomika tal-Ukrajna;

14. Ifakkar fl-adozzjoni tal-Liġi dwar is-Servizz Pubbliku Lokali fl-2023 u jinkoraġġixxi lill-Gvern Ukren jadotta approċċ sistemiku għar-riformi li jmiss tal-amministrazzjoni pubblika, billi jistabbilixxi viżjoni ċara u strateġija ta' implimentazzjoni strutturata;

15. Jinkoraġġixxi lill-Ukrajna tagħmel progress fl-approvazzjoni tal-abbozz tal-liġi nru 4298, bil-għan li tallinja r-riformi tal-amministrazzjoni statali lokali mal-istandards tal-UE, billi tistabbilixxi qafas ġuridiku bbilanċjat għas-superviżjoni, bi qbil mal-prinċipju ta' proporzjonalità u mal-Karta Ewropea dwar l-Awtonomija Lokali, li ma jiksirx il-kompetenzi, il-prerogattivi u l-funzjonijiet ta' awtonomija tal-awtoritajiet lokali; ifakkar fit-talba tiegħu biex tiġi introdotta personalità ġuridika għall-awtoritajiet pubbliċi lokali u reġjonali;

16. Jistieden lill-Ukrajna tkompli tagħmel progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/792[1];

Enerġija, ambjent, żvilupp sostenibbli u konnettività

17. Jilqa' l-progress sostanzjali li sar f'dak li għandu x'jaqsam mar-riformi tas-settur tal-enerġija u mal-allinjament tal-Ukrajna mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

18. Ifaħħar lill-Ukrajna talli adottat il-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima tagħha;

19. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni tiftaħ mill-aktar fis ġabriet ta' kapitoli ta' negozjar mal-Ukrajna biex tmexxi 'l quddiem kemm jista' jkun malajr it-talba tal-pajjiż għall-adeżjoni mal-UE, bil-kundizzjoni li l-Ukrajna tkompli l-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE u li jitlestew ir-riformi li bdiet;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj.

NOTA SPJEGATTIVA

Bħala rapporteur għal din l-inizjattiva importanti, għandi l-pjaċir nippreżenta rapport li jirrifletti impenn strateġiku permanenti u sod tal-Unjoni Ewropea fil-konfront tal-Ukrajna. Dan ir-rapport huwa l-ewwel wieħed qabel ma bdiet l-invażjoni Russa fuq skala kbira tal-Ukrajna, minn meta l-Ukrajna ngħatat l-istatus ta' pajjiż kandidat u minn mindu bdew in-negozjati ta' adeżjoni.

L-Ukrajna hija l-qasam ta' attività l-aktar importanti tal-UE fis-settur tar-relazzjonijiet esterni. Il-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna diġà kellha influwenza profonda fuq l-UE u għadu jkollha din l-influwenza. L-eżitu tal-gwerra huwa ta' importanza fundamentali għall-UE. Għalhekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha jagħtu lill-Ukrajna assistenza politika, diplomatika, finanzjarja u militari konsistenti. Fid-dawl tad-direzzjoni opposta fl-approċċ li ħadet bħalissa l-amministrazzjoni Trump, l-UE għandha responsabbiltà saħansitra akbar.

Ħejjejt l-abbozz ta' rapport fil-kuntest ġeopolitiku u ta' sigurtà msemmi hawn fuq. It-test jindirizza t-tħejjija tal-Ukrajna biex tissodisfa r-rekwiżiti għall-adeżjoni mal-UE, inkluż ir-rispettt tal-*acquis* tal-UE. Barra minn hekk, analizzajt ir-riformi kumplessi interni, li saru fil-kuntest tal-gwerra li għaddejja bħalissa. Nenfasizza b'mod partikolari l-kwistjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Ir-rapport jinkoraġġixxi lill-pajjiż jibni fuq ir-riformi fis-setturi tal-enerġija, tal-ambjent, tal-iżvilupp sostenibbli u tal-konnettività. Minbarra dan, nisħaq fuq l-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali u tar-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat.

Fil-fażi tal-emendi, aspetti addizzjonali se jtejbu u jikkomplementaw l-abbozz ta' rapport u se jinkludu l-aħħar żviluppi fin-negozjati internazzjonali, jekk ikun il-każ, u l-isforzi ta' riforma interna.

Nagħlaq billi ntenni l-pożizzjoni b'saħħitha skont liema l-Kummissjoni Ewropea għandha tiftaħ il-ġabriet ta' kapitoli ta' negozjar mal-Ukrajna biex tmexxi 'l quddiem kemm jista' jkun malajr it-talba tal-Ukrajna għall-adeżjoni mal-UE. Il-konklużjoni pożittiva ta' dan il-proċess hija eżatt bħal meta jintwerew sens ta' tmexxija, determinazzjoni u viżjoni u hija investiment ġeostrateġiku f'Ewropa magħquda u b'saħħitha f'kuntest internazzjonali kkaratterizzat dejjem aktar minn volatilità.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Xejn

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.